MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Numru. 658/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
**v**

**NATASHA THEUMA**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **NATASHA THEUMA** mart Brian u bint Ramon Bajada uPatricia nee Debono imwielda nhar l-hdax ta’ Awissu 1980 u residenti Dar Bajada, Triq ta’ Brieret, Xaghra, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 21205A giet imressqa quddiemha w akkuzata talli fil-hamsa w ghoxrin ta’ Awissu 2006 ghal habta tal-ghaxra ta’ filghodu, fir-Rabat Ghawdex, u fix-xhur ta’ qabel

b'diversi atti maghmulin minnha b'risoluzzjoni wahda u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi avolja m,agbhmulin fi zminijiet differenti, bhala l-persuna li ghandha l-kustodja ta' bintha minuri Sadie ta' tlett snin, naqset li taghti access ta' bintha lil missierha Brian Theuma bejn l-ghaxra ta' filghodu u nofsinhar, liema hinijiet kienu mifthema minn qabel hekk kif ordnata b'digriet Numru 32/2006 mill-Magistrat Dottor Paul Coppini fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja u dan minghajr raguni xierqa.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti inkluz z-zewg digrieti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja, dokumenti BT u BT 1 u d-diversi okkorrenzi.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Brian Theuma, lis-Social Worker Peter Paul Portelli, lil PS 1346 Anton Schembri, lis-Social Worker Nicolette Vella, lil PS 1040 John Grima, lil WPS 160 Josephine Camilleri, lil PS 1377 Emanuel Cilia, lil Carmel Cilia, lil SEO 24 Reuben Said u lil Dottor Mirelle Vella.

Semghet lil partjiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hmistax ta' Frar 2007.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-lanjanza principali tal-omm, hi li t-tifla Sadie li ghandha biss tlett snin, ma tridx toqghod ma missierha u meta fiftit okkazzjonijiet qaghdet, bkiet hafna u fil-fehma tal-omm, huwa ghalhekk li din t-tifla ghandha din t-trawma kollha tant li qed tmur Malta l-Apppogg ghal xisezzjoni ma terapista.

Illi fil-mori tal-kawza saret referenza wkoll mid-difiza b'mod verbali u kazwali, li l-missier abbuza lil bintu u kien ghalhekk li ma taghtux access. Meta l-psikologa Doctor Mirielle Vella xehdet nhar l-erbgha ta' Jannar 2007, u giet mistoqsija dwar din il-possibilita t'abbuz sesswali, hija wiegbet li ma kellha ebda tracci ta' dak li gie allegat mid-difiza. Qalet li t-tifla kellha trawma u dejjem ezaminata fil-

presenza ta’ ommha.  Qalet wkoll li kull appuntament li tat lil imputata, sabiex iggib lit-tifla ghandha, meta jkun hemm l-missier sabiex b’hekk hija tkun tista timmonitorja l-imgieba tat-tifla mal-missier, dan ma setghetx taghmlu ghaliex l-omm qatt ma zammet dawk l-appuntamenti maghha ghal raguni jew ohra.  Il-psikologa qalet lil omm li kienet sejra tara t-tifla l-iskola u dakinhar li marret, l-omm ma baghtitx t-tifla skola.

L-imputata ma xehditx f’dawn il-proceduri kif kellha kull dritt li taghmel pero b’hekk ma cahditx dak li qalet il-psikologa jew x-xhieda l-ohra migjuba mill-prosekuzzjoni.

Illi minn ezami tan-notamenti mehuda mis-Social Worker Peter Paul Portelli u cioe d-dokument PPP jirrizulta li Brian Theuma dejjem wera nteress kbir biex jara lil bintu u li l-imputata, ghal xi raguni jew ohra, m’ottemperatx ruhha mad-digrieti tal-Qorti f’diversi okkazzjonijiet minhabba raguni jew ohra.

Ikkunsidrat:
Illi dan huwa kaz simili ghal dak li rrizulta mis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta’ Frar 2005*** **fl-ismijiet il-Pulizija v Isabelle Cilia** u cioe li “mill-assjem tal-provi jidher li hemm attwit kbir bejn il-konjugi Theuma, kif ta’ spiss ikun hemm f’sitwazzjoni ta’ din x-xorta fejn il-konjugi jkunu qed jisseparaw jew ghadhom kif isseparaw.  Dik il-Qorti sostniet li dan jaghti lok ghal ghal piki kontinwi u fin-nofs imbaghad, kif jigri ta’ spiss, jizzefnu t-tfal.  F’dan il-kaz hi t-tifla Sadie ta’ tlett snin li ma tridtx tmur ma missierha u toqghod tibki sabiex b’lealtha ma ommha ma tkunx trid mur ma missierha.  Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, “*dan l-agir ma jezonerax lil imputata milli twettaq l-konsenja fizika tal-minuri lil missier u thalliha f’idejh kif giet ordnata taghmel mill-Qorti kompetenti*.

*Sakemm jinbidel l-ordni tal-Qorti, b’digriet jew sentenza, l-ordni tal-Qorti Civili irid jigi rispettat u ma jistax jigi evitat biss bl-agir testard ta’ tifla ta’ tlett snin, lizgur li ma tipprezenta ebda diffikulta biex tigi konsenjata fizikament, anke okkorrendo kontra r-rieda taghha mill-omm lil*

*missier. Attwalment jigi li din t-tifla ckejkna tkun qed tassumi l-poteri ta' Qorti tal-Appell jew revisjoni biex tibdel hi l-ordni tal-Qorti*."

Fis-sentenza fuq citata kien gie ritenut li:

*"Sakemm jinbidel l-ordni tal-Qorti b'digriet jew sentenza, l-ordni tal-Qorti Civili jrid jigi rispettat u ma jistx jigi evitat biss bl-agir testard ta' tifel ta' ghaxar snin li zgur ma jippresenta ebda diffikulta biex jigi konsenjata fizikament anke kontra r-rieda tieghu mill-omm lil missier. Altrimenti jigi li dan t-tifel ckejken ikun qed jassumi poteri ta' Qorti ta' Appell jew ta' revizjoni biex jibdel hu l-ordni ta' Qorti."*

Kif tajjeb gie ritenut fis-***sentenza moghtija nhar l-hmistax ta' Mejju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** **fl-ismijiet il-Pulizija v Jacqueline Zammit** meta ntqal li:
*"Din l-Qorti terga ttenni dak li diga gie ritenut minnha diversament preseduta u cioe li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jigu osservati <u>skrupolozament</u> u minghajr tfettieq u kavillar zejjed, inkella facilment f'kazi bhal dawn, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewwgin dwar kull haga possibbli w immaginabbli, din il-Qorti trid tigi ridotta f'Qorti t'Appell mid-digriet tal-Qorti Civili. Ir-rimedju ta' min ikun qed jhossu aggravat b'xi digriet tal-Qorti Civili kemm dwar alimenti kif wkoll dwar access, mhux li jiehu l-ligi b'idejh imma li jirrikorri lejn l-istess Qorti li tkun emanat d-digriet jew ordni relattivi u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjamenti fis-sitwazzjoni."*

Kif tajjeb gie ritenut minn dik il-Qorti tal-Appell Kriminali meta l-Qorti tigi '*biex tara jekk kienx hemm raguni xierqa u specjalment fil-kamp penali, trid twiezen l-interessi kollha, inkluz l-interess li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u mhux injorati, fuq <u>kwalsiasi</u> pretest*', [***Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmen Tabone Reale *deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 1994***] u b' "raguni xierqa" wiehed ghandu jifhem, kif del resto gie elaborat fil-gurisprudenza, raguni oggettivament xierqa u mhux biss fil-mohh jew fl-opinjoni tal-parti li ma tippermettix l-acess.

Ezempju ta’ dan huwa “xi mard serju tal-minuri li ma jkun jaghmilha possibbli li dan johrog mid-dar” [vide **Il-Pulizija v Joseph Ebejer *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 1996*, Il-Pulizija v Jacqueline Zammit *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta’ Mejju 2003*** u **Il-Pulizija v Isabelle Cilia deciza mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Frar 2005***.]

Illi f’dan il-kaz il-Qorti ma thossx li l-imputata rnexxielha tipprova li kellha raguni xierqa sabiex ma taghtix access ta’ bintha Sadie lil zewgha. Ghalhekk bhala fatt, r-reat jirrizulta ppruvat u ma tirrizulta ebda raguni xierqa skond l-ligi sabiex l-ordni tal-Qorti ma tigix obduta.

Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikol 338(II) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li ssib lill-imputata NATASHA THEUMA hatja tal-akkuza u tikkundannaha ghal hlas ta’ amenda ta’ ghoxrin [20] lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------